A.L. 18 ta' l-1994

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 47 ta' l-1972.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "*multiplexer* ta' l-abbonat (S-MUX)" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

"*National Freephone Service*" tfisser dak is-servizz li bih jintalab ħlas għal telefonati li jidħlu fuq numru telefoniku speċjali permezz tal-*Public Switched Telephone Network* lokali mingħand abbonat ta' dak is-servizz minflok il-persuna li tkun qegħda tagħmel it-telefonata;".

Jemenda r-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (4) tar-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(5) Id-drittijiet li jitħallsu għal *National Freephone Service* ikunu dawk speċifikati fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok is-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IS-SEBA' SKEDA

Drittijiet għas-Servizz Bureaufax

	Lm c m
1. Drittijiet għal kull paġna ta' qies ISO A4 jew parti relattiva għat-trasmissjoni ta' telefonati li jsiru:	
(a) lokalment, f'Malta u Għawdex	0.25,0
(b) lejn pajjiżi Ewropej:	
għall-ewwel paġna	1.50,0
għat-tieni paġna u paġni oħra	0.50,0
(ċ) lejn pajjiżi mhux Ewropej:	
għall-ewwel paġna	2.50,0
għat-tieni paġna u paġni oħra	1.50,0
2. Drittijiet addizzjonali tax-xogħol applikabbli għal telefonati deħlin, sew lokali kemm barranin, ikun xi jkun in-numru ta' paġni, għal kull transazzjoni	0.50,0".

Iżid il-Ħdax-il Skeda mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara l-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-Iskeda li ġejja:

"IL-ĦDAX-IL SKEDA

Drittijiet għal *National Freephone Service*

	Lm c m
1. Drittijiet għal Kumnikazzjoni	
(a) Għal kull linja ta' l-*exchange*	40.00,0
(b) Għal kull linja ta' l-*exchange* kumnikata f'distanza 'l fuq minn 100 metru mill-*cable distribution point* tagħha, kull 100 metru jew parti minnu, 'l fuq minn din id-distanza	3.00,0
(ċ) Għal kull konnessjoni tal-*freephone*, b'żieda mad-drittijiet speċifikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' qabel dan skond kif jgħodd	10.00,0

2. Drittijiet għall-Kiri
(fis-sena)

(a) Għal kull linja ta' l-*exchange* 52.00,0

(b) Għal kull faċilità ta' servizz ta' *free-phone*, b'żieda mad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu (a) ta' qabel dan 92.00,0

Iżda l-inqas kera li titħallas taħt il-paragrafi (a) u (b) ta' qabel dan dwar kumnikazzjoni għal żmien temporanju tkun ta' Lm24, relattiva għal żmien minimu ta' xahrejn.

3. Drittijiet għall-Użu tan-*Network*

Id-drittijiet għat-telefonati jkunu dawk stabbiliti dwar linji ta' l-*exchange* li għalihom titħallas ir-rata kummerċjali ta' kiri kif speċifikata fil-paragrafu 3 tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u jitħallsu mill-abbonat tas-servizz tal-*freephone*.

".